MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2006

Numru 612/2006

**Il-Pulizija
(Sp.  Angelo Gafa)**

**v**

**Jason Buttigieg ta' 33 sena bin Carmel u Ruth nee Bennett, imwieled Pieta' fil-21 ta' Ottubru, 1972, residenti 70, Triq S. Sommier, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 460372 (M)**

**Roderick (Roderick-John) Galea ta' 30 sena bin Vincent u Mary Anne nee Scerri, imwieled Attard fit-13 ta' Novembru, 1975, residenti fi Plot 3, Triq in-Nadur, Marsascala u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 543175 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Jason Buttigieg u Roderick (Roderick John) Galea li gew akkuzati talli f'dawn il-gzejjer, f'diversi granet fix-xahar ta' Mejju, 2006 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, fil-kapacita' taghhom ta' ezaminaturi tas-sewqan impjegati ma' l-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta (ADT), in konnessjoni mal-kariga jew impieg taghhom, talbu, ircevew jew accettaw ghalihom jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom ma kellhom jedd;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, fil-kapacita' taghhom ta' ezaminaturi tas-sewqan impjegati ma' l-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta (ADT), sew jekk kellhom jew ma kellhomx jedd li jesigu flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet taghhom, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, taht il-libsa tal-kariga taghhom, esigew dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-ligi.

Rat li fi stadju ta' interrogatorju z-zewg akkuzati wiegbu li kienu hatja ta' l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom.

Rat ukoll li sussegwentement ghal dan l-Avukat Generali baghat nota (a fol 53 tal-process) fejn in vista ta' l-ammissjoni minnhom registrata anke moghtija zmien biex jahsbu fuq l-istess, fil-konfront ta' liema baqghu persistenti, tant li fis-seduta tal-25/08/06 regghu ikkonfermaw l-istess ammissjoni l-Qorti tipprocedi allura a bazi ta' dak provdut fl-artikolu 392A(2) tal-Kapitlu 9.

Illi ghandu jigi premess ukoll illi l-akkuzati kemm fi stadju ta' investigazzjoni kif ukoll fil-mori tal-kawza ikkoperaw ma' l-Ufficjal Prosekutur fl-ewwel istanza u telghu jixhud quddiem din il-Qorti minn jeddhom dwar azzjonithom.

Illi fil-fatt l-enfazi li sar mill-partijiet kien unikament dwar il-piena li ghaliha ghandhom jigu kkundannati l-ko-akkuzati.

Illi ovvjament il-Qorti ma ghandha xejn ghajr l-ovvju xi tghid dwar il-koperazzjoni tal-ko akkuzati mal- Pulizija u l-ammissjoni bikrija taghhom. Dana zgur iservi ta' attenwant a favur taghhom.

Pero' l-Qorti lanqas ma tista' tinjora l-preokkupazzjoni li wera l-Ufficjal Prosekutur dwar dak minnhom mistqarr dwar l-ammont ta' flus li verament ircevew. Per ezempju ex admissis Galea jammetti li f'kolp wiehed irceva minghand Salvu Cassar tas-Swallow Garage is-somma ta' Lm 130 (mija u tletin lira Maltija) ta' hmistax-il gurnata pero' jghid ukoll li gie li rcevew is-somma ta' Lm 100 (mitt lira) jew Lm 200 (mitejn lira) pero' mbaghad irid li jitwemmen li globalment huwa rcieva biss minghand l-Iswallow is-somma ta' Lm 240 (mitejn u erbghin lira Maltija) (fil-massimu).

Min-naha tieghu Buttigieg ukoll jammetti illi hu kien jiehu flus pero' fi kliemu mhux f'ammonti kbar, anzi jghid li kien jiehu Lm 10 (ghaxar liri Maltin) jew Lm 20 (ghoxrin lira Maltija) u gie li gie moghti anke Lm 30 (tletin lira Maltija) u dan wara t-test tas-sewqan.

Lanqas ma jistghu l-akkuzati jistadu ghas-simpatija tal-Gudikant billi jghidu li ghamlu li ghamlu ghax imsieken Salvu (ta' l-Iswallow Garage) kien jisforzahom, idejjaqhom, jigri warajhom u jiffittahom biex jiehdu l-flus minghandu.

Certament jekk fl-ewwel okkazjonijiet huma ddarsu mill-attitudni ta' Salvu wara jidhru li x-xoghol beda joghgobhom tant li l-flus qatt ma rrifjutawhom.

Certament setghu, ma' l-ewwel avvicinament negattiv u <u>mhux floku</u> gej minn fejn hu gej, ghaliex huma semghu interventi minn nies ohra, ghamlu dmirhom ta' Ufficjali Pubblici u rraportaw dan il-fatt mhux inkoraggew dan it-tip ta' abbuz.

Lanqas ghandhom l-akkuzati issa wkoll jippruvaw jigbdu s-simpatija tal-gudikant billi jghidu li l-flus li rcevew b'mod tant illecitu, ghax per ezempju saru jafu jew donnhom indunaw li s-sors taghhom huwa hazin, se jaghtuhom lill-karita'!! L-ghoti tal-flus ma tbiddel xejn min-natura u l-mod kif l-akkuzati rcevew il-flus.

Illi lanqas ma l-Qorti temmen ma' l-impressjoni li qed jipprovaw jaghtu l-istess akkuzati li huma fil-fatt gew sfurzati go xi nasba li ma setghux johorgu minnha ghax frankament sakemm is-sitwazzjoni kienet vantagguza u onoruza ghalihom ma ghamlu xejn dwarha.

Rat ukoll b'attenzjoni s-sentenzi esebiti mid-Difiza dejjem fir-rigward tal-piena. Rat l-artikoli 18, 115, 112, 121 tal-Kapitlu 9 u ta' dan qeghda ssibhom hatja. Dwar il-piena l-Qorti hasbet ferm fit-tul u hasbet sew dwar l-istess wara li rat is-sentenzi lilha esebiti. Ma tridx il-Qorti taghti xi impressjoni la lill-akkuzati u lanqas lill-pubbliku in generali li l-azzjoni li saret minn Buttigieg u Galea kienet xi wadha leggera altro che, pero' thoss ukoll li piena ta' interdizzjoni hija gia pesanti fuqhom u ghalhekk qeghda tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tliet snin mil-llum wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitlu 446 u dan anke wara li rat il-fedina penali taghhom.

In kwantu ghall-piena rat ukoll is-sentenzi esebiti u cioe Appell Kriminali Pulizija v Alfred Demicoli (2/05/1985), Appell Kriminali Pulizija v George Farrugia (18/01/2001), u Pulizija (Sp. Angelo Gafa) v Jonathan Piscopo et Qorti tal-Magistrati Magistrat Dr Scerri Herrera 07/02/05.

Rat ukoll l-artikolu 119 tal-Kapitlu 9, ikkunsidrat il-pieni stipulat fihom, u oltre ghal dak premess qeghda tikkundanna lil kull imputat ghal interdizzjoni perpetwa u generali.

Il-Qorti tordna wkoll wara li rat l-artikoli 11 tal-Kapitlu 9 illi din l-ordni ta' interidizzjoni perpetwa tigi ppublikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------